# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA / OTTUBRU 2024

## Introduzzjoni ta' miżuri t'imblukkar biex nikkumbattu telefonati qarrieqa b'numri Maltin

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) tfakkar li, mill-1 ta' Novembru 2024, huwa skedat li jiġu attivati miżuri tekniċi mill-operaturi tan-netwerks lokali sabiex jimblukkaw telefonati li jaslu Malta minn netwerks barranin fejn il-'Caller ID' ikun numru Malti bil-prefiss '+356 1', '+356 2', jew '+356 8'. Barra minn hekk, se jsir iffiltrar addizzjonali biex jiġu mblukkati telefonati b'numri Maltin invalidi jew ipprojbiti. Dawn il-miżuri jista' jkollhom impatt fuq l-utenti ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-internet jew cloud li joffru l-possibiltà li l-utent jagħmel telefonati fejn il-'Caller ID' ikun numru Malti b'dawn il-prefissi.

Dawn il-miżuri jsegwu proċess ta' konsultazzjoni pubblika mniedi mill-MCA fl-2023 u saru mandatorji wara l-pubblikazzjoni ta' Decision Notice f'April 2024. Il-miżuri se jiffiltraw telefonati li jaslu Malta minn netwerks barranin li potenzjalment ikunu qarrieqa.

Wara l-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, l-MCA immedjatament bdiet kampanja estensiva biex tqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali u fost utenti ta' soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-internet jew il-cloud, li jistgħu jiġu affettwati mill-miżuri ġodda ta' mblukkar. Fornituri lokali tat-telefonija kienu anke meħtieġa jinnotifikaw lill-abbonati tat-telefonija kollha tagħhom b'mod individwali. Negozji u entitajiet oħra li jagħmlu użu minn soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni bbażati fuq l-internet jew il-cloud biex jagħmlu telefonati fejn il-'Caller ID' ikun numru Malti li jibda bil-prefissi '+356 1', '+356 2', jew '+356 8' huma mħeġġa jiżguraw li s-soluzzjonijiet tagħhom huma pprovduti minn fornituri ta' servizzi li huma konformi. Fin-nuqqas ta' dan, mill-1 ta' Novembru 2024, tali telefonati lejn numri Maltin li jaslu minn barra minn Malta ser jibdew jiġu mblukkati.

L-utenti ta' dawn is-soluzzjonijiet jistgħu jivverifikaw jekk is-soluzzjoni tagħhom hijiex se tiġi affettwata billi jagħmlu telefonata minn ġo tali soluzzjoni lejn +356 2400 2400. L-ittestjar huwa meħtieġ biss għal soluzzjonijiet li jużaw numri Maltin li jibdew bil-prefiss '+356 1', '+356 2', jew '+356 8' bħala l-'Caller ID'. Meta t-telefonata ssir minn soluzzjoni li mhux ser tiġi affettwata minn dawn il-miżuri, l-utent jisma' avviż bil-vuċi li jikkonferma li l-fornitur tas-servizz tiegħu huwa awtorizzat lokalment mal-MCA. Min-naħa l-oħra, jekk it-telefonata tfalli, jew tiġġenera avviż bil-vuċi li n-numru huwa invalidu jew ma jeżistix, huwa rrakkomandat li l-utent ikkonċernat jikkuntattja lill-fornitur ta' din is-soluzzjoni ta' komunikazzjoni bbażata fuq l-internet jew il-cloud sabiex jitlob assistenza.

Aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-MCA relatati mal-ġlieda kontra t-telefonati qarrieqa, jew dwar il-miżuri ta' mblukkar li se jidħlu fis-seħħ dalwaqt, tista' tinstab fis-sezzjoni rispettiva tal-Mistoqsijiet li Jsiru ta' Spiss fuq is-sit web tal-MCA www.mca.org.mt/mt/faqs. Wieħed jista' wkoll jikkuntattja lil MCA fuq +356 2133 6840 jew permezz ta' email fuq numbering@mca.org.mt jew customercare@mca.org.

(+356) 2133 6840 pr.mca@mca.org.mt www.mca.org.mt Valletta Waterfornt, Pinto Wharf, Floriana FRN1913, Malta